Minuti tal-Laqgħa Nru. 49 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 18 t' April 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużati | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa-Ġieħ Ħal Luqa
5. Mozzjonijiet
6. Kumitat Amministrattiv
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma biex issir il-patching f' dawk it-toroq minn fejn se tgħaddi l-purċċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jieħu ħsieb li jġib il-boro tal-cold tarmac u jsir il-patching fir-rotta.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq laqgħa li kienet saret ma Transport Malta rigward Triq Garibaldi u Triq il-Kunsill tal-Ewropa fuq kif se jsir it-traffic management matul il-proġett. Il-Kunsillier semma li waqt li jkun għaddej il-proġett se jkun hemm diversion li tgħaddi min naħa tal-fabbrika tal-General Soft Drinks.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li peress li se jkun hemm din id-diversion se jkun hemm volum kbir ta traffiku li se jkun għaddej min New Street li jista joħloq konġestjoni. Huwa ssuġġerrixxa fil-Kunsill biex isir xi ħaġa l-aktar minħabba vetturi kbar anki biex jiġu evitati inċidenti.

3.3 Fuq dan il-punt is-Sindku ssuġġerrixxa biex isiru tabelli li jipprojbixxu passaġġ għal Trailers li jgħaddu min Ħal-Luqa.

3.4 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex dawk is-siġar li jinqalgħu min Triq il-Kunsill tal-Ewropa jitħawwlu post ieħor biex ma jinqerdux. Huwa semma li dawn jistgħu jitħawwlu fi Triq il-Gudja. Huwa ssuġġerixxa wkoll biex issir bicycle lane fl istess triq.

3.5 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq kiosk li qed jarma viċin tal-fabbrika tal-General Soft Drinks. Huwa qal li dan il-kiosk qed ikun ta tfixkil għas sewwieqa u li għandhom jittieħdu passi biex jitneħħa min hemm. Is-Sindku qal biex tinkiteb ittra lill-Pulizija ħalli jieħdu passi.

3.6 Is-Segretarju ressaq il-lista tal-permessi ġodda tal-MEPA lil Kunsillier Psaila biex jkun infurmat fuqhom. Is-Segretarju ressaq wkoll lista tal-Memos li kienu waslu lil Kunsill mill-laqgħa preċedenti s' issa. Huwa ressaq ukoll program t' attivita li se ssir għall okkażżjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Belt Valletta.

3.7 Il-Kunsillier Camilleri semma li kienet se ssir maratona ta' Puttinu Cares biex jinġabru fondi għall karita. Huwa ssuġġerrixxa biex jinstabu żewġ timijiet biex jieħdu sehem f' isem il-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar din il-proposta.

**4.0 JUM ĦAL-LUQA-ĠIEĦ ĦAL-LUQA**

4.1 Is-Sindku qal li din l-attivita se ssir fuq tlett ijiem bejn it-13 u l-15 ta' Mejju. Is-Segretarju qal li l-attivitajiet se jiftħu l-Ġimgħa bl inawgurazzjoni ta Wirja ta talenti għal ħabta tas-7 ta filgħaxija.

4.2 Is-Sibt l-attivitajiet se jkun hemm serata fejn jingħata Ġieħ Ħal-Luqa u jkun hemm ukoll preżentazzjoni awdjo viżiva. Kien hemm proposta biex Ġieħ Ħal Luqa jingħata l-Ħadd, imma s-Sindku qal li jkun aħjar jekk din iċ-ċerimonja titħalla għal Ħadd. Il-Ħadd se jkun hemm preżentazzjoni ta Tieġ Malti, għana u anki wirja t' artiġjanat.

4.2 Il-Kunsillier Carauana semma li tkun idea tajba jekk isir reċiviment biex jikkomemora Jum Ħal-Luqa.

4.3 Kien hemm suġġeriment ukoll mill-Kunsillier Caruana biex il-quddiesa ta' Jum Ħal Luqa tiġi mressqa lura fil ħin għal 5 ta' filgħaxija. Is-Sindku stieden lil dawk preżenti biex jattendu għal laqgħa tas-Sotto Kumitat biex tiġi diskussa l-attivita. Il-Kunsillier Carauna talab biex ikun infurmat meta se ssir il-laqgħa ħalli jkun jista' jattendi.

**5.0 MOZZJONIJIET**

5.1 Kien hemm mozzjoni, mressqa mis-Sindku J. Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku J. Scicluna li tgħid illi l-Kunsill għandu jippubblika il-fuljett tiegħu. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq din il-mozzjoni b' vot unanimu.

5.2 Kien hemm mozzjoni, mressqa mis-Sindku J. Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku J. Scicluna li tgħid illi l-Kunsill għandu jsib kuntrattur biex jagħmel il-marki tat-toroq.

5.3 Is-Sindku semma li kien hemm sejħa għall offerti biex jinstab kuntrattur biex jagħmel il-marki tat-toroq. Huwa semma li kien hemm offerta waħda biss li kienet dik tal-Koptasin. Peress li ma kienx hemm offerti oħra ġiet magħżula din l-offerta.

5.4 Il-Kunsillier Caruana semma biex issiru l-marki li jigwidaw it-traffiku bħala parti mill-marki.

**6.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV, ĦAL FARRUĠ**

6.1 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza fuq dan l-item.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

7.1 Is-Segretarju ressaq is-schedule of payments li daħlet għax xahar ta' April.

7.2 Is-schedule of payments kienet imressqa għall approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuqha mis-Sindku, u l-Kunsilliera Camilleri u Massa, filwaqt li l-Kunsilliera Caruana u Psaila kienu kontra s-schedule.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha t-Tnejn 18 t' April fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa tax-xahar ta Mejju.

Konfermati llum ______________________ 2011.

_____________________ John Schembri Sindku

_____________________ Michael Portelli Segretarju Eżekuttiv